Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8997 — Whirlpool/Elica/Elica PB India Private Limited)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 230/09)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Whirlpool Corporation ("Whirlpool", l-Istati Uniti tal-Amerka), permezz tas-sussidjarja tagħha Whirlpool of India Limited,

— Elica S.p.A. ("Elica", l-Italja),

— Elica PB India Private Limited ("Elica PB India", l-Indja).

Whirlpool of Inda Limited takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Elica PB India Private Limited, li bħalissa fil-biċċa l-kbira hija proprjetà ta' Elica.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Whirlpool hija attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' firxa ta' tagħmir għar-refriġerazzjoni, għall-ħasil tal-ħwejjeġ, tal-kċina, ta' kondizzjonament tal-arja u tal-ilma u l-purifikazzjoni tal-arja,

— Elica hi attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' tagħmir tal-kċina u l-bejgħ ta' tagħmir għat-trattament tal-arja,

— Elica PB of India hija attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' ċertu tagħmir tal-kċina u l-bejgħ ta' firxa ta' apparati tat-tisjir u tal-kċina relatati fl-Indja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8997 — Whirlpool/Elica/Elica PB India Private Limited

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.